# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 286/2015**

Il-Pulizija

vs

**Peter Axiak**

iben Anthony, imwieled Pieta', fit-18 ta' Ottubru, 1963, detentur tal-karta tal-identita' numru 579263(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Peter Axiaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Ġzejjer fil-15 ta' Novembru, 2007 u fil-jiem ta' qabel:

Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għal esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi

mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi kif emendata, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u kkundannatu għal piena ta' sentejn (2) priġunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għall-dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero' jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, l-Qorti ordnat lill-ħati iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' mitejn u żewġ Euro u seba' u tletin ċenteżmu (€202.37), li għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appellanti Peter Axiak minnu ppreżentat fit-2 ta' Ġunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Norbert Ciappara) vs Peter Axiaq fis-sens li m' għandux jinstab ħati ta' pussess ta' droga li ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu iżda ta' pussess sempliċi għall-użu personali tiegħu.

Illi fi kwalunkwe każ il-piena għandha tiġi mibdula għal waħda aktar idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-każ speċjalment billi tiġi evitata piena effettiva ta' ħabs.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-
Illi bir-rispett kollu qed jiġi sottomess li a bazi tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti ma kienetx ragjonevoli fil-konklużjoni tagħha u b'apprezzament tal-provi b'mod aktar approfondit , din l-Onorabbli Qorti għandha tasal għal konklużjoni diversa .

Illi qabel xejn il-liġi tibbaża kollox fuq iċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga. Bir-rispett kollu jiġi sottomess li ċ-ċirkostanzi jwasslu għall-konklużjoni li d-droga li kellu l-appellanti kienet għall-użu esklussiv tiegħu kif ser jiġi ippruvat:

l.Ammont ta' droga

Bir-rispett kollu jiġi sottomess li l-Ewwel Qorti ħadet il-piż totali tas-sustanza bħal li kieku kienet kollha droga kokajina. Iżda kif irrelata l-espert tal-Qorti Godwin Sammut a fol 10 tal-proċess, is-sustanza kellha piż ta' 7.49 grammi u l-purita kienet ta' 40%. Dan ifisser li fir-realta il-piż ta' kokaijina kien biss erbgħin fil-mija tal-piż, jiġifieri tammonta għal 2.9 grammi. L-appellant kien dipendenti b'mod qawwi fuq id-droga u allura, kif xehed hu stess kien jagħmel il-weekend fuq id-droga u b'hekk kien jaħli kwantita’ ta' droga għax ħafna minnha kienet tinħela peress li kien juża d-droga waħdu u ma kienx jaf l-aħjar mod kif tittieħed biex jiffranka l-ħela .

2. L-appellant xehed li huwa kien jaħraq id-droga u joħodha bil-pipa. Dan ifisser li meta persuna taħraq id-droga din tinxtorob għall-purita tagħha biss u bl-użu tal-pipa jinħela ħafna minnha. Jiġifieri li minn dawn it-2.9 grammi , ammont minnha jinħela waqt l-użu. L-appellant kien dipendenti bil-qawwi fuq id-droga u għalhekk żgur dan l-ammont setgħa jintuża minnu.

Peress li anke dak iż-żmien kellu mara u tlett itfal matul il-gimgħa kien jaħdem u fil-weekend kien jieħu d-droga ġieli matul ġumata sħiħa.B'hekk fil-weekend kien jikkonsma ammont sostanzjali ta' droga. Kif xehed l-espert tal-Qorti Godwin Sammut ( a fo137), min jiddependi fuq

id-droga normalment jieħu average ta' 1.5 grams kuljum, jiġifieri l-appellant kellu għal anqas minn darbtejn. Qal ukoll li dan huwa average u tvarja minn persuna għall-oħra.

3. Illi huwa fatt ukollli l-appellant kellu dak l-ammont għaliex meta wieħed jixtri d-droga f'daqqa jiffranka ħafna flus u hekkipprova jagħmel l-appellant. Dan korroborat mill-fatt li kellu miżien biex jiżen id-droga li jixtri biex ħadd ma jisirqu.

A fo1. 49 tal-proċess I-appellant xehed hekk: 'Biex x'ħin nixtri niżen li tani sewwa, biex ma jisraqnix'.

Dan jispjgea wkoll għalfejn kellu l-miżien. L-appellant xehed li kien rema l-miżien għaliex meta ra lill-pulizija ippanikkja. Ta min josserva wkoll li l-pulizija ma sabu l-ebda listi ta' nies , djarji etc. kif normalment jinstab għand min jittraffika d-droga.

4, Wieħed jifhem il-fatt li l-pulizija imxew wara Jason Caruana u meta raw żewg persuni fil-karozza ħasbu li ser jieħdu d-droga. Imma l-pulizija fir-realta ma raw xejn minn dan u kemm Jason Caruana kif ukolll-appellant xehdu li l-appellant fl-ebda ħin ma offra bejgħ ta' droga li Jason Caruana. Għalhekk is-suspetti tal-pulizija ma ġewx ippruvati bħala fatti kif trid il-liġi.

5. Bir-rispett kollu l-evalwazzjoni tal-Ewwel Qorti meta qalet li mhux minnu li l-appellant setgħa jixtri d-droga bid-dejn għaliex min jixtri d-droga jħallasha dak il-ħin tmur '1 bogħod minn dak li normalment jiġri. Huwa fatt magħruf li min jittraffika d-droga, għall-bidu anke jissupplixiha b'xejn biex iqabbad lil dak li jkun fuqha u jġibu dipenedenti fuqha. Huwa fatt ukoll li meta min jikkonsma ma jkollux il-flus kollha xorta jingħata d-droga u jekk wara ma jħallasx ibati l-konsegwenzi. L-appellant ma qalx kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti li xtara d-droga bid-dejn, iżda qalli mis-somma ta' Lm175 kien għad baqalu jħallas Lm35. Għalhekk jiġi sottomess li l-verżjoni li tal-appellant tqarreb ħafna lejn dak li jiġri fir-realta speċjalment jekk min jikkonsma jkun jixtri mingħand l-istess wieħed.

6. Barra minn hekk id-droga ma nstabitx fi qratas ta' piż ugwali, fis-sens li kienet ippreparata għall-bejgħ . Min ibiegħ ikun preċiz u jaqsam id-droga li jkollu f'pakketti diversi lesti għall-bejgħ. L-ammonti li kellu l-appellant kienu inugwali u dan juri li d-droga li kellu l-appellant kienet għall-użu personali.

7. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-fedina penali tal-imputat. Apparti l-offiżi relatati mas-sewqan (peress li minn dejjem l-appellant kien driver full time), ir-reati l-oħra bħal serq ta' stereo ta' karozza u driller huma kollha relatati mat-teħid tad-droga. Il-fatt li l-appellant kien dipendenti sew fuq id-droga xehdu kemm Emanuel Scicluna , rapprezentant tal-Caritas ( fol 41) u kemm il-mara tal-appellant Sonia Axiaq ( fol 59 et seq). Kif ser jintqal aktar '1 quddiem dawn ir-reati kienu saru ħafna żmien ilu cioe fl-1986, 1989, 1993 u l-aħħar reat 1999 u kienu kollha relatati mat-teħid tad-droga. Peress li kien dipendenti fuq id-droga kien jara kif ser iġib il-flus biex jixtriha.

8. L-appellant dejjem għex mix-xogħol. Kien jaħdem bħala taxi driver, minibus driver, doubledecker driver u issa driver fit-trasport pubbliku. M'għandux karozzi lussuzi u depożiti kbar fil-banek u minħabba li għandu tlett itfal bil-kemm isservih il-paga. Li kieku kien traffikant tad-droga ma kienx għalfejn ikollu jmur isuq xi karozza tal-linja u kien jgħix ħajja ta' lussu. Dan jikkonferma kemm l-appellant kellu d-droga għall-użu personali tiegħu.

9. L-appellant kien dejjem konsistenti f'dak li qal u cioe li d-droga li kellu kienet għall-użu personali tiegħu. Kemm fl-istqarrija *a tempo vergine* qal hekk u anke quddiem il-Qorti. L-appellant setgħa jagħżel li ma jgħid xejn fl-istqarrija u ma jixhidx quddiem il-Qorti imma għażel li jiffirma l-istqarrija u ma jistaħbiex wara s-silenzju għaliex dejjem kien lest li jgħid il-verita. Fil-fatt kemm l-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara kif ukoll il-pulizija xhieda tal-prosekuzzjoni qalu li l-appellant mill-ewwel ammetta li kellu d-droga u li kienet għall-użu personali .

PS 1086 Johann Micallef qal li l-appellant qaIilhom li 'kienet għall-użu personali' (a fo139). Il-mara tal-appellant ukoll xehdet li l-appellant kien jiddependi fuq id-droga u meta qaltlu li kienet ser titilqu mar jagħmel l-evening course biex jeħles mid-droga kif irnexxielu jagħmel.

Minn dawn iċ-ċirkustanzi kollha għandu jirriżulta li l-appellant kellu biss pussess sempliċi ta' droga u mhux li kien f'ċirkostanzi fejn setgħa jbieggħa.

10. L-Ewwel Qorti qalet li rat ċerta inkonsistenza fix-xhieda tal-appellant, ħaġa li ġiet kontradetta mill-fatti u s-sottomissjonijiet '1 fuq imsemmija. Imma kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Pulizija vs Marius Magri " Din il-Qorti pero' xorta waħda , wara li rriflettiet fit-tul u qieset iċ-ċirkostanzi kollha w filwaqt li, bħall-Ewwel Qorti, ma tħossx li għandha tagħti affidament lill-versjonijiet mogħtija mill-appellant kemm dwar il-provenzjenza tad-droga kif ukoll il-mod kif ġiet biex inqasmet f' biċċiet u min qasamha, mill-banda l-oħra ma tħossx li sempliċement biss mill-kwantita' elevata u esebita w kif id-droga instabet maqsuma, jista' jintqal bla ebda dubju ragonevoli li dan neċessarjament jindika li d-droga misjuba kienet intiża għall-ispaċċar lil terzi. F' dan il-każ din il-Qorti għad għandha dak il-"lurking doubt" li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant.'

I1-Piena

L-Ammont.

Illi minn dak li ntqal aktar '1 fuq jidher bl-aktar mod ċar li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ juru li d-droga li kellu l-appellant, għalkemm mad-daqqa t'għajn tidher 7 grammi, fir-realta minnha kien hemm biss 2.9grammi li huma assoċjati mat-teħid personali tad-droga u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeċiedi li l-appellant kellu biss pussess sempliċi.

I1-fedina penali. Huwa minnu li l-appellant għamel xi żbalji fil-passat pero dawn imorru lura ħafna snin meta kien għadu jagħmilha mal-ħbieb u bla għaqal. Fl-1986 instab ħati li seraq radio cassette ( u dan minħabba d-dipendenza fuq id-droga) u weħel section 9 għal tlett snin. Fl-1989 seraq driller u weħel section 9 għal sentejn. L-istess, l-oġġett kien driller u mhux xi ħaġa kbira u

dan juri li s-serq kien relatata mal-użu tad-droga. Fl-1993 instab ħati ta' attentat ta' serq u fl-1999 pussess ta' droga. Kif jidher ir-reati li kellu l-appellant ilhom ħafna li saru u kienu konnessi mal-użu tad-droga.

Mindu qatgħa d-droga ma kellu l-ebda reat ieħor u matul il-kawża li damet sejra seba snin l-appellant ma għamel l-ebda reat peress li kien bidel ħajtu.

It-tul tal-kawża.

L-appellnt instab li kellu d-droga fil-15 ta' Novembru 2007 u l-kawża bdiet aktar minn sena wara u cioe fis-16 t'Ottubru 2008. Il-prosekuzzjoni damet għaddejja bil-provi għal kważi erbgħa snin għax għalqet bil-provi fit-15 ta' Gunju 2012.

Imbgħad is-sentenza damet ma ingħatat għal sentejn u erbgħa xhur jiġifieri bejn 30 ta' Jannar, 2013 meta tħalliet għas-sentenza u ġiet deċiza fis-27 ta' Mejju, 2015.

Dan it-tul ta' żmien kien ta' tbatija għall-appellant minħabba li nħolqot ħafna tensjoni fih u għandu jittieħed in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti .

Bidla fil-ħajja

Kif xehed Emanuel Scicluna a fol 41 tal-proċess l-appellant attenda evening course bejn 1-20 t'Ottubru, 2010 u s-6 ta' Gunju, 2011 liema kors temmu fil-25 t' Ottubru, 2011. 'FiI-kors mar tajjeb ħafna u għandu x-xogħol. Dejjem ikkopera magħna u ma kellux problemi ta' droga aktar.' Mart l-appellant Sonia Axiak tgħid li l-appellant kien qabad il-vizzju tad-droga għaliex l-appellant kien mietlu ħuh u kien ħadha tant bi kbira li waqa’ fil-vizzju. Pero’ wara l-kors bidel ħajtu u kien
fieq mill-problema tad-droga u kien jaħdem u jmanti l-familja sew.

L-Interess tas-Soċjeta.

Illi l-ewwel interess tas-soċjeta għandu jkun li jkollha ċittadini li jerfgħu ir-responsabbiltajiet tagħhom .L-appellant anke waqt li kien jabbuża bid-droga dejjem ħadem u mantna lill-martu u lit-tlett uliedu. Għamel sforz kbir biex jaqta' l-vizzju u irnexxielu u b'hekk żamm il-familja stabbli u anke r-relazzjoni ma' martu ġiet waħda normali u qed jgħixu f'familja magħquda.

Jekk l-appellant jispiċċa sentejn ħabs effettiv ikun hemm il-periklu li jerġa jaqbad il-vizzju, jitlef l-impjieg u jkun diffiċli biex isib impjieg ieħor wara li joħroġ mill-ħabs għaliex sfortunatament l-employers dejjem jitolbu l-kondotta tal-applikant.

Dan ifisser li apparti li jista' jitfarrak l-appellant, titkissirlu l-familja u minn dan kollu s-soċjeta' mhux tirbaħ imma titlef.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Ili dan l-appell huwa bbażat fuq l-apprezzament ta' provi li sar mill-Ewwel Qorti u kif ukoll fuq il-piena imposta bħala riżultat tal-istess apprezzament.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura

dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi magħmula din il-konsiderazzjoni wieħed għandu biex jgħaddi għall-eżami tal-aggravji tar-rikorrenti u jagħmel analiżi tagħhom.

Fl-istqarrija l-appellant jgħid li kien offra d-droga li kien xtara lil Jason Caruana u dan tal-aħħar irrifjutha peress li kien għadu kemm spiċċa programm. '*Jiena għedtlu li kelli iżda huwa qalli li le għax kien qata' kollox*' (Fol 13 Stqarrija)Inoltre, l-istess ammetta li waddab il-miżien minn ġot-tieqa tal-karozza x'ħin induna bil-Pulizija u qal li għamel hekk għax beża x'ħin ra l-Pulizija. Pero' meta ġie mistoqsi għala waddab il-miżien barra mit-tieqa tal-karozza huwa qal li kien iġorru miegħu biex meta jixtri d-droga ma jidħaqx bih fl-ammonti min ikun qed ibiegħlu.

Huwa ammetta li kellu l-vizzju tad-droga u li kien lest li jikkopera mal-Pulizija.

Madankollu, l-aġir tiegħu jġiegħel wieħed jaħseb li waddab il-miżien barra mit-tieqa mhux għar-raġuni li ta hu imma għax biex ibiegħ kellu bżonn jiżen u l-prezenza ta' miżien tgħid ħafna. Dan iktar jikkonferma li kien qed jittraffika u d-droga ma kinitix għall-użu personali. L-ammonti li kellu fil-boroż ma kienux żgħar b'hekk biex ibiegħ bil-fors kellu bżonn il-miżien.

L-espert Godwin Sammut spjega li l-piż totali ta' kokaina kienet ta' 7.49 grammi u l-purita' kienet ta' ċirca 40%. Huwa qal li skont l-EMCDDA hemm medja ta' 100 u 200 mg kull doża. Jiġifieri bl-ammont li nstab fuq l-appellant hemm 37 doża.

Meta l-appellant xehed huwa qal li dawk id-dożi kollha kien jużhom f'madwar erbat ijiem u li bil-mod li huwa kien jabbuża minnha kien jaħli ħafna għalhekk kellu bżonn ħafna. Huwa jkompli jispjega li kien għad fadallu xi jħallas mill-ammont li kien xtara.

Illi l-Ewwel Qorti qalet li mhux soltu li d-droga titħallas bil-mod, pero' l-fatt li kien fadallu xi jħallas jikkonferma li l-appellant kien qiegħed jipprova ibiegħ lil Caruana biex jirkupra xi ammont ta' flus.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti taqbel mal-konkużjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti.

Illi l-appellant għandu fedina penali xejn netta pero' qiegħed fit-triq li jipprova jirriforma ruħu. Għadda ħafna żmien mill-akkadut konsiderando li l-akkuża tmur lura għall-2007, għamel programm mal-caritas filgħaxijiet li beda fl-20 ta' Ġunju, 2010 u baqa' jattendi sas-6 ta' Ġunju, 2011. Huwa jaħdem u qiegħed jmantni l-familja tiegħu. Dan ġie kkonfermat kemm mill-mara tiegħu li qalet li llum il-ġurnata jgħixu ħajja normali ta' familja u kif ukoll mill-uffiċjal tal-Caritas li kkonferma li huwa kien jikkopera magħhom u li qiegħed jaħdem.

Għal dawn ir-raġunijiet, u peress li nel fratemp ma kellux akkużi oħra relatati mad-droga fil-fedina penali din il-Qorti tħoss li jkun iktar għaqli li jkun hemm varjazzjoni tal-piena li kienet imposta mill-Ewwel Qorti. F'dan l-istadju dan jagħmel iktar sens kemm għall-familja tiegħu u kif ukoll għas-soċjeta' in generali.

Illi għalkemm huwa għamel il-ħila tiegħu biex jegħleb il-problema tad-droga u qed jieħu ħsieb il-familja tiegħu, dan ma jfissirx li huwa ma jiskontax il-piena għall-akkuża li tagħha qed jinstab ħati u cioe' dik ta' pussess aggravat tad-droga.

Il-liġi hija ċara f'dan il-każ (Artikolu 21 tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 (9) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u tistabilixxi li għal dan ir-reat mhuwiex possibli tapplika sentenza sospiża jew probation order. Għal din ir-raġuni piena karċerarja hija legalment tassativa.

Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-mertu. Iżda inkwantu għal piena tħassar u tirrevoka s-sentenza ta' sentejn (2) priġunerija u elfejn Ewro (€2,000) Multa u minflok tikkundanna lill-appellant Peter Axiak għal **sena (1) priġunerija u multa ta' elf Ewro (€1,000)** u dan ai termini tal-Artikolu 22 (2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' ħamsin ( €50 ) fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir meta jiskonta l-piena inflitta b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-appellant iħallas l-ispejjeż tal-periti konnessjoni mal-kawża, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ammontanti għall-mitejn u żewġ Ewro u seba' u tletin ċenteżmu **(€202.37),** li għandhom jitħallsu fi żmien sitt xhur minn mindu jiskonta l-piena u jekk jonqos milli jħallas fi żmien stabbilit , l-bilanċ jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ħdax -il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) Ewro għal kull ġurnata ħabs.

Il-Qorti tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga li ġiet ezebita quddiem il-Qorti tal-Maġistrati taħt il-ħarsien tar-Reġistratur ta' din il-Qorti taħt il-kundizzjonijiet soliti f'dawn il-każijiet.